

Proprietarju tat-trade mark jew tas-sinjal invokat insostenn tal-oppożizzjoni: il-parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell

Trade mark jew sinjal invokat: regiżazzjoni tat-trade mark Komunitarja verbali Nru 33472909 "TERRA" għal prodotti fil-klassijet 3 u 21

Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni: Oppożizzjoni milqugħa għal prodotti kkontestati kollha

Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell: Appell miċħud

Motivi invokati: Ksur tal-Artikoli 8(1)(b) u 75 tar-Regolament tal-Kunsill Nru 207/2009.

**Rikors ippreżentat fit-30 ta' Novembru 2012 — Rani Refreshment vs UASI — Global-Invest Bartosz Turek (Sani)**

(Kawża T-523/12)

(2013/C 32/36)

Lingwa tar-rikors: l-Ingliż

#### Partijiet

Rikorrenti: Rani Refreshments FZCO (Dubai, l-Emirati Għarab Magħquda) (rappreżentanti: M. Chapple, Barrister)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Global-Invest Bartosz Turek (Poczesna, il-Polonja)

#### Talbiet

- tannulla d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) tas-27 ta' Settembru 2012 fil-Każ R 236/2012-4; u
- tikkundanna lill-konvenut għall-ispejjeż sostnuti mir-rikorrenti b'konnessjoni mar-rikors tagħha u d-deċiżjoni.

#### Motivi u argumenti prinċipali

Applikanti għat-trade mark Komunitarja: il-parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell

Trade mark Komunitarja kkonċernata: it-trade mark figurattiva "Sani" bil-kuluri aħdar, aħdar lewn iż-żafza u abjad għal, fost oħrajn, prodotti fil-klassijet 29, 30 u 32 — Applikazzjoni għal trade mark Komunitarja Nru 9087479

Proprietarju tat-trade mark jew tas-sinjal invokat insostenn tal-oppożizzjoni: ir-rikorrenti

Trade mark jew sinjal invokat: regiżazzjoni ta' trade mark Komunitarja Nru 2587244 tat-trade mark figurattiva bil-kuluri aħdar, abjad, iswed u ikħal "Rani", għal prodotti fil-klassi 32; regiżazzjoni ta' trade mark Komunitarja Nru 4005211 tat-trade mark figurattiva bil-kuluri ikħal u abjad "Rani", għal prodotti fil-klassijet 29 u 30; regiżazzjoni ta' trade mark Komunitarja Nru 2587293 tat-trade mark figurattiva bil-kuluri ikħal u abjad "RANI FLOAT", għal prodotti fil-klassi 32; regiżazzjoni ta' trade mark Komunitarja Nru 2587269 tat-trade mark figurattiva bil-kuluri oranġjo, isfar, iswed, abjad, aħmar, roża, ikħal u aħdar "Rani" għal prodotti fil-klassijet 16, 21 u 32; regiżazzjoni ta' trade mark fir-Renju Unit Nru 1239206 tat-trade mark figurattiva "rani", għal prodotti fil-klassi 32

Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni: Oppożizzjoni miċħuda fl-intier tagħha

Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell: Appell miċħud

Motivi invokati: Ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill Nru 207/2009.

**Rikors ippreżentat fit-3 ta' Diċembru 2012 — Recaro vs UASI — Certino Mode (RECARO)**

(Kawża T-524/12)

(2013/C 32/37)

Lingwa tar-rikors: l-Ingliż

#### Partijiet

Rikorrenti: Recaro Beteiligungs-GmbH (Kaiserslautern, il-Ġermanja) (rappreżentant: J. Weiser, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell: Certino Mode, SL (Elche, Spanja)

#### Talbiet tar-rikorrenti

- temenda d-deċiżjoni kkontestata sabiex l-appell imressaq mill-intervenjenti jiġi miċħud u t-trade mark Komunitarja Nru 734343 "RECARO" tkun revokata fl-intier tagħha;
- sussidjarjament, tannulla d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) tas-6 ta' Settembru 2012 fil-Każ R 1761/2011-1; u
- tikkundanna lill-UASI u, jekk ikun il-każ, lill-intervenjenti għall-ispejjeż ta' din il-proċedura u tal-appell quddiem l-UASI.

## Motivi u argumenti prinċipali

Trade mark Komunitarja reregistrata li hija s-suġġett tat-talba għal revoka; it-trade mark verbali Komunitarja RECARO, irregestrata bin-Nru 734343, għal prodotti fil-klassijiet 10 u 25

Proprietarju tat-trade mark Komunitarja: il-parti l-oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell

Parti li qed titlob ir-revoka tat-trade mark Komunitarja: ir-rikorrenti

Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Kanċellazzjoni: trade mark Komunitarja revokata

Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell: deċiżjoni kkontestata annullata parżjalment

Motivi invokati:

- Ksur tal-Artikolu 51(1)(a), moqri flimkien mal-Artikolu 15 tar-Regolament tal-Kunsill Nru 207/2009;
- Ksur tal-Artikolu 76(2) tar-Regolament tal-Kunsill Nru 207/2009, moqri flimkien mar-regola 50(1) tar-Regolament tal-Kummissjoni Nru 2868/95; u
- Ksur tal-Artikolu 75(1) tar-Regolament tal-Kunsill Nru 207/2009.

## Rikors ippreżentat fil-5 ta' Diċembru 2012 — AXA Versicherung vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-526/12)

(2013/C 32/38)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

### Partijiet

Rikorrenti: AXA Versicherung AG (Köln, il-Ġermanja) (rappreżentanti: C. Bahr, S. Dethof u A. Malec, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

### Talbiet

- tannulla r-rifjut ikkontestat;
- sussidjarjament, tannulla parżjalment ir-rifjut inkwistjoni;
- tikkundanna lill-konvenuta għall-ispejjeż.

## Motivi u argumenti prinċipali

Ir-rikorrenti tikkontesta d-deċiżjonijiet impliċiti negattivi tal-Kummissjoni, li jirrigwardaw it-talbiet konfermattivi tar-rikorrenti għall-aċċess għall-fajl tal-Kummissjoni fil-Każ COMP/39.125 — Ħġieġ tal-karozzi.

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka erba' motivi.

(1) L-ewwel motiv, ibbażat fuq ksur tal-obbligu ta' eżami konkret u individwali tad-dokumenti mitluba taħt l-Artikoli 2 u 4 tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 (¹)

— F'dan il-punt, ir-rikorrenti ssostni li l-Kummissjoni ma osservatx l-obbligu tagħha li teżamina b'mod konkret u individwali d-dokumenti mitluba taħt l-Artikoli 2 u 4 tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001. Minflok, hija illegalment ikklassifikat id-dokumenti kkonċernati bl-użu ta' kriterji formali.

(2) It-tieni motiv, ibbażat fuq ksur tal-ewwel u tat-tielet inċiżi tal-Artikolu 4(2) kif ukoll tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 4(3) tar-Regolament Nru 1049/2001 minħabba c-ċaħda ta' aċċess għal dokumenti spċifici fil-fajl

— Fil-kuntest ta' dan il-motiv, ir-rikorrenti ssostni li l-Kummissjoni żbaljat meta interpretat b'mod wiesa' l-portata tal-eċċejżjoni tal-Artikolu 4(2) tar-Regolament 1049/2001. Ir-rikorrenti hija tal-fehma li la l-interess kummerċjali skont l-ewwel inċiżi tal-Artikolu 4(2) tar-Regolament Nru 1049/2001 ma huma affettwati, u lanqas ma l-Kummissjoni tista' tirreferi għall-protectzjoni tal-iskop tal-investigazzjonijiet taħt it-tielet inċiżi tal-Artikolu 4(2) tar-Regolament Nru 1049/2001.

— Barra minn hekk, il-proċess deċiżjonali ma huwiex ser jiġi serjament affettwaw (it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 4(3) tar-Regolament Nru 1049/2001).

— Barra minn hekk, il-Kummissjoni żbaljat meta ċaħdet li kien hemm interess pubbliku ikbar fl-iż-żvelar tad-dokumenti mitluba.

(3) It-tielet motiv, ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 4(6) tar-Regolament Nru 1049/2001 minħabba c-ċaħda kompleta tal-aċċess għal dokumenti spċifici

— F'dan il-punt, ir-rikorrenti ssostni li l-Kummissjoni lanqas biss tat-aċċess parżjali għad-dokumenti rilevanti u għal-hekk kisret l-Artikolu 4(6) tar-Regolament Nru 1049/2001. Ir-rikorrenti tiddikjara li l-Kummissjoni lanqas ma eżaminat l-aċċess parżjali għad-dokumenti skont ir-rekwiżiti tar-Regolament Nru 1049/2001.

(4) Ir-raba' motiv, ibbażat fuq ksur tal-ewwel u tat-tielet inċiżi tal-Artikolu 4(2) kif ukoll tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 4(3) u tal-Artikolu 4(1)(b) tar-Regolament Nru 1049/2001 minħabba c-ċaħda ta' aċċess għat-test sħiħ tal-wernej tal-fajl tal-Kummissjoni